MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## *Posts* fuq Facebook ta' offerti ta' self lill-pubbliku imtella' minn utenti bl-ismijiet 'Marina Zidane' u 'Exaucer Doremos'

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") riċentement saret konxja ta' numru ta' *posts* fuq Facebook li jikkontjenu offerti ta' self lill-pubbliku f'Malta ta' bejn €1,000 u €500,000 b'rata ta' interessi ta' 3% fis-sena. Dawn il-*posts* qed jiġu imtella' minn persuni mhux magħrufa taħt *profiles* ta' Facebook bl-ismijiet 'Marina Zidane' u 'Exaucer Doremos' fuq numru ta' gruppi fuq Facebook dedikati għall-attivitajiet lokali.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li l-persuni wara dawn il-*posts* fuq Facebook **M'HUMIEX** liċenzjati mill-MFSA biex jipprovdu xi tip ta' servizz finanzjarju inkluż faċilitajiet ta' self. Barraminnhekk, dawn il-*posts* jistgħu potenzjalment ikunu qarrieqa fin-natura tagħhom u mmirati sabiex jiffrodaw persuni li ma jkunux qed jissuspettaw dan.

**Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jagħmilx kuntatt, transazzjonijiet jew b'xi mod ieħor jirrelata mal-persuni fuq imsemmija.**

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni għandha liċenzja jew hi awtorizzata biex tipprovdi tali servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati u awtorizzati mill-MFSA hija disponibbli mingħand L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'aċċess minn: www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 10-2014**
**5 ta' Settembru 2014**